

OPINJONI Nru 02/2006

TA' L-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

Dwar l-opportunità li jiġi emendat l-Artikolu 7.3(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tiċċara l-pożizzjoni ta' l-Aġenzija fir-rigward ta' l-opportunità li tiġi posposta d-data finali tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet ta' 145.A.30(g) u 145.A.30(h)(1) kif applikabbli għal inġenji ta' l-ajru kbar b'massa ta' tluq massima ta' iżjed minn 5700 kg (28 ta' Settembru 2006), kif stabbilit bl-Artikolu 7.3. (c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003¹
2. L-Opinjoni għet adottata, b'konsegwenza tal-proċedura kif speċifikata mill-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija², bi qbil mal-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002³.

SFOND:

3. Fl-20 ta' Novembru 2003 il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003. Appendiċi II ta' dan ir-Regolament (Parti-145) tistabbilixxi li l-persunal li jiċċertifika għandu jkun ikkwalifikat kif xieraq bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III (Parti 66) tiegħu. Parti 66 hija bbażata fuq JAR-66. JAR-66 bdiet tiġi implimentata fl-1998, u l-Istati Membri tal-JAA kienu laħqu ftehim biex ilkoll flimkien jibdew l-implimentazzjoni qabel is-sena 2001, bil-perjodu transitorju għall-konverżjoni tal-kwalifiki nazzjonali f'liċenzji tal-JAR-66 iffissat li jasal fi tmiemu fis-sena 2011.
4. Waqt il-proċess biex jiġi stabbilit ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 il-partijiet konċernati waslu fi qbil li transizzjoni daqshekk fit-tul ma kinitx neċessarja u li l-benefiċċju sħiħ ta' l-azzjoni Komunitarja f'dan il-qasam jinkiseb aħjar permezz ta' applikazzjoni immedjata. Għalkemm l-implimentazzjoni ta' JAR-66 bdiet fl-1998, xi Stati Membri tal-JAA irrikonoxxew li f'pajjiżhom din l-implimentazzjoni kienet għet posposta. Għalhekk dawn l-istess Stati Membri talbu biex jipposponu l-implimentazzjoni ta' Parti 66 għat-28 ta' Settembru 2006 għal inġenji ta' l-ajru kbar u għat-28 ta' Settembru 2008 għal inġenji ta' l-ajru żgħar, ladarba dawn ta' l-aħħar ma kienux regolati mill-JAA. Din il-proposta għet aċċettata u l-Artikolu 7.3 (c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 jipprovdi l-bażi għal din il-possibbiltà li wieħed jista' jagħżel li joħroġ minnha.
5. Waqt analiżi tas-sitwazzjoni relattiva għall-użu ta' din il-klawsola li wieħed jista' jagħżel li joħroġ minnha, jidher illi:
 - L-Istati membri u assoċjati⁴ kollha għażlu li jużaw it-tieni linja ta' l-Artikolu 7.3 (c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003.

¹ Regolament tal-Kummissjoni Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1). Ir-Regolament skond kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2006 tat-8 ta' Mejju 2006 (ĠU L 122, 9.5.2006, p. 17)

² Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija responsabbli mill-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida ("Proċedura ta' Regolamentazzjoni") EASA MB/7/03 tas-27.06.2003.

³ Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (ĠU L 240, 7.09.2002, P.1.). Regolament skond kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1701/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p.5).

⁴ L-Istati Assoċjati huma l-Iżlanda, il-Liċtenstein, in-Norveġja u l-iżvizzera.

- L-Istati Membri u assoċjati kollha, minbarra wieħed, għażlu li jużaw it-tielet linja ta' l-Artikolu 7.3 (c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003.

B'konsegwenza ta' dan, jidher ċar illi meta għażlu li jużaw il-klawsola, l-Istati kollha soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' Parti 145, kienu jafu li kellhom jippjanaw għall-ħruġ ta', jew il-konverżjoni ta' liċenzji nazzjonali fi, liċenzji ta' Parti 66 sabiex jikkonformaw għal kollox sat-28 ta' Settembru tal-2006 mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti li għandha x'taqsam mal-kwalifiki tal-persunal li jiċċertifika għal manutenzjoni tal-linja u manutenzjoni bażi ta' ajruplan b'massa ta' tluq massima ta' iżjed minn 5700kg.

6. Rigward l-istat kurrenti ta' pronteza biex jikkonformaw ma' din id-data ta' dħul fis-seħħ, is-superviżjoni mwettqa mill-Aġenzija turi s-sitwazzjoni sussegwenti:
 - Nofs l-Istati Membri u assoċjati kienu bdew jikkonvertu l-kwalifiki nazzjonali fi, u l-ħruġ ta', liċenzji ta' Parti 66, u għandhom ikunu f'pożizzjoni li jikkonformaw b'mod sħiħ sad-data stipulata.
 - Disa' Stati Membri u assoċjati kienu taw bidu għal dan l-istess proċess; madankollu dawn l-Istati waqgħu lura fil-proċess u jikkunsidraw li ser isibuha diffiċli biex ilaħħqu fil-ħin mad-data li fiha huwa mmirat li tinkiseb il-konformità.
 - Erbgħa mit-tmienja u għoxrin Stat Membru u assoċjati soġġetti għal dawn il-kondizzjonijiet mitluba kienu għadhom lura sew fl-iskeda u għaldaqstant ma kinux f'pożizzjoni li jikkonformaw fil-ħin. Tlieta minn dawn l-Istati saħansitra kienu għadhom ma stabbilixxew ebda rapport ta' konverżjoni.

Nhar il-31 ta' Jannar 2006, l-Aġenzija bagħtet ir-rapport annwali tagħha ta' standardizzazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, li jenfasizza l-istat kritiku tal-proċess ta' konverżjoni ta' Parti 66 meta mqabbel mad-data ta' skadenza, jiġifieri t-28 ta' Settembru 2006.

7. Il-mistoqsija li ġiet wara kienet jekk it-tul tal-perjodu transitorju kellux jiġi estiż, meta wieħed jikkonsidra l-implikazzjonijiet li ġgħib magħha tali estensjoni.

II. Konsultazzjoni

8. Fit-12 ta' Lulju 2006, kien ġie ppubblikat Avviż ta' Emenda Proposta – NPA 08/2006⁵ - fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija (www.easa.europa.eu), in konformità mal-proċedura *standard* ta' regolamentazzjoni ta' l-EASA. Il-perijodu ta' konsultazzjoni kien limitat għal sitt ġimgħat mid-data tal-pubblikazzjoni tal-NPA sabiex ikunu jistgħu jinġabru u mbagħad jiġu mwiegħba l-kummenti, u sabiex l-Aġenzija tkun f'pożizzjoni li toħroġ Opinjoni qabel it-28 ta' Settembru 2006.
9. Sal-ġurnata ta' l-għeluq tal-21 ta' Awwissu 2006 l-Aġenzija irċeviet ħmistax-il kumment minn tnax-il awtorità nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u persuni privati.
10. Il-kummenti kollha rċevuti mill-Aġenzija ġew rikonnoxxuti u inkorporati f'Dokument tat-Tweġibiet għall-Kummenti (CRD), li huwa ppubblikat flimkien ma' din l-Opinjoni fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija. Dan is-CRD fih lista tal-persuni u l-organizzazzjonijiet kollha li ressqu l-kummenti tagħhom, flimkien mat-tweġibiet mogħtija mill-Aġenzija.

⁵ <http://www.easa.europa.eu/doc/Rulemaking/NPA/NPA-08-2006.pdf>

11. Il-kummenti kollha li rċeviet l-Aġenzija, bl-eċċezzjoni ta' kumment wieħed, jappoġġjaw l-għażla li d-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet ta' parti 145, relatati mal-kwalifiki tal-persunal li jiċċertifika għall-manutenzjoni ta' bażi u ta' linja ta' inġenji ta' l-ajru b'massa ta' tluq massima ta' iżjed minn 5700kg m'għandhiex tiġi posposta. L-ebda Stat Membru ma esprima li jista' jsibha diffiċli biex jimplementa r-regolament kurrenti.
12. Skond l-Artikolu 8 tal-proċedura *standard* ta' regolamentazzjoni ta' l-EASA, id-Direttur Eżekuttiv m'għandux ifisser l-opinjoni personali tiegħu fir-rigward ta' din il-kwistjoni partikolari qabel ma jgħaddu xahrejn minn meta jiġi pubblikat id-dokument tat-tweġibiet għall-kummenti. Dan biex daww kollha involuti jkollhom ċans biżżejjed biex ikunu jistgħu jirreaġixxu għall-kontenut ta' l-istess dokument. Madanakollu, għar-raġunijiet ippreżentati fil-paragrafu 8 hawn fuq, l-opinjoni ta' l-Aġenzija jkollha toħroġ pubblikament mill-aktar fis possibbli, biex b'hekk daww kollha involuti jkunu jafu li d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 7.3 (c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 m'humiex se jiġu emendati u li għaldaqstant, id-dħul fis-seħħ (fit-28 ta' Settembru 2006) tad-dispożizzjonijiet ta' parti 145 dwar il-kwalifiki tal-persunal li jiċċertifika għall-manutenzjoni ta' bażi u ta' linja ta' inġenji ta' l-ajru b'massa ta' tluq massima ta' iżjed minn 5700kg m'huwiex se jiġi pospost.

III. Il-Kontenut ta' l-Opinjoni ta' l-Aġenzija

13. B'referenza għar-riżultati tas-CRD (ara paragrafu 11), l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni tissuġġerixxi lill-Kummissjoni biex ma temendax Artikolu 7.3 (c) lir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003.

IV. Valutazzjoni Regolatorja ta' l-Impatt

14. Setturi milquta

Is-settur ewlieni li safa milqut minn din l-Opinjoni huwa dak ta' l-operaturi ta' l-inġenji ta' l-ajru l-kbar. Minħabba li l-inġiniera nkarigati mill-manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru li ma jkollhomx il-liċenzji ta' Parti 66 mhux ser ikunu jistgħu jibgħatu dawn l-inġenji ta' l-ajru fuq vjaġġi, dan ikun ifisser li l-operaturi jkollhom isibu persuni kwalifikati kif xieraq sabiex l-inġenji ta' l-ajru jkunu jistgħu jkimplu joperaw b'mod normali.

Organizzazzjonijiet li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru li ma jirnexxilhomx jingaġġaw magħhom inġiniera bil-liċenzja xierqa jistgħu jitilfu parti mill-kuntratti tagħhom, minħabba li matul perijodu transitorju, huma ma jkunux jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet mogħtija f'Parti 145.

Għadd ta' inġiniera tal-manutenzjoni nfishom jispiċċaw jitilfu l-privileġġi li kienu jgawdu minnhom qabel taħt is-sistemi nazzjonali sakemm il-kwalifiki tagħhom jiġu konvertiti.

L-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Nazzjonali, li naqsu li jikkonvertu kwalifiki nazzjonali fi, jew ma ippubblikawx biżżejjed, liċenzji ta' Parti 66, ikollhom jintensifikaw l-isforzi tagħhom u jiffaċċjaw proċeduri ta' ksur ta' liġi mnedija mill-Kummissjoni Ewropea.

15. Impatt fuq is-Sigurtà:

Id-deċizzjoni li tinżamm id-data miftiehma tad-dħul fis-seħħ hija, fi prinċipju, l-aktar waħda li tista' twassal għat-titjib tas-sigurtà fil-komunità, minħabba li huma biss daww l-inġenji ta' l-ajru li kienu soġġetti għall-verifikazzjoni xierqa mill-inġiniera u li jissodisfaw l-aqwa kwalifiki meħtieġa li jistgħu jitħallew joperaw fuq vjaġġi.

Madanakollu din id-deċiżjoni tista' ġġiegħel lil xi Stati Membri biex ifittxu jikkonvertu l-kwalifiki nazzjonali f'liċenzji ta' Parti 66 mingħajr ġustifikazzjoni proprja / rapport ta' konverżjoni u l-ġhoti ta' privileġġi mhux dovuti lil xi inġiniera tal-manutenzjoni. Ovvjament dan kollu jista' jkollu implikazzjonijiet fuq is-sigurtà jekk inġenji ta' l-ajru li m'humiex f'kondizzjoni tajba għat-titjir jitħallew joperaw fuq vjaġġi.

Madanakollu jidher li dan ir-riskju huwa limitat biss għal inġenji ta' l-ajru kbar li huma soġġetti għal sorveljanza addizzjonali minn organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni li jaraw jekk ajruplan huwiex f'kondizzjoni tajba biex itir. Iktar minn hekk, ir-rwol ta' l-Aġenzija huwa li tamministra spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni biex tivverifika li Prattika bħal din ma timmaterjalizzax ruħha jew almenu tiġi segwita minnufih b'azzjoni xierqa ta' rimedju fil-pront.

16. Impatt Ekonomiku:

Bħala prinċipju, din l-għażla ma għandu jkollha l-ebda impatt ekonomiku globali ladarba l-investiment għall-konverżjoni għar-reġim regolatorju l-ġdid adottat mill-Komunità irid isir xorta waħda, sabiex daww kollha involuti jgawdu mill-benefiċċju akkwistat mill-kompletar tas-suq intern f'dan il-qasam.

L-eventwalità li jinħoloq nuqqas ta' inġiniera liċenzjati f'xi Stati Membri tista' twassal għal dewmien fl-operat ta' inġenji ta' l-ajru fuq vjaġġi u tikkaġuna nfiq indirett sinifikanti għall-operaturi. Dan jista' jaffettwa wkoll il-funzjonar tas-suq ta' persunal iċċertifikat u jżid il-livell medju tas-salarji tagħhom, b'effett dirett fuq l-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni, kif ukoll indirettament fuq il-klijenti tagħhom. Madanakollu l-konsegwenzi m'għandhomx ikunu esaġerati fil-kors tal-perijodu meħtieġ mill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Nazzjonali biex ilaħħqu mal-proċess, ladarba l-mobilità baxxa f'suq ta' dan it-tip ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni probabbli jaffettwa biss lil daww il-pajjiżi li sa issa għadhom ma għamlux biżżejjed progress fil-proċess ta' konverżjoni.

Ħafna mill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Nazzjonali m'humiex ser jiġu affettwati daqstant, ladarba dawn diġà ħarġu numru sostanzjali ta' liċenzji. Daww l-awtoritajiet li għadhom lura fil-proċess biss ser ikollhom jintensifikaw l-isforzi tagħhom, li konsegwentament jistgħu jwasslu għal xi nfiq żejjed f'każ li jkollhom jingaġġaw persunal addizzjonali biex jikkonvertu l-liċenzji kollha mis-sistema nazzjonali tagħhom sabiex jikkonformaw mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003.

17. Impatt Ambjentali:

L-Ebda

18. Impatt Soċjali:

Xi inġiniera li jiċċertifikaw li m'għandhomx liċenzja ta' Parti 66 jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti minħabba li ma jibqgħux aktar kwalifikati biex joħorġu permessi biex inġenji ta' l-ajru kbar jittajjru wara t-28 ta' Settembru 2006. Dan jista' jaffettwa l-kondizzjonijiet ta' l-impiegi tagħhom.

V. Konklużjoni

Fl-isfond ta' l-analiżi mwettqa dwar l-opportunità li d-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet ta' Parti 145.A.30 (g) u Parti A.30 (h) (1) tiġi posposta kif applikabbli għall-kwalifika tal-persunal li jiċċertifika l-permess biex inġenji ta' l-ajru b'massa ta' tluq massima ta' iżjed minn 5700kg (manutenzjoni ta' linja u bażi) jittajjru, l-Aġenzija tikkonkludi li d-

dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7.3 (c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, m'għandhomx jiġu emendati u li d-data li huma jispeċifikaw għandha tibqa' l-istess.

Cologne, 25 ta' Settembru 2006

P. GOUDOU